MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 161/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Ciappara)**

**Vs**

**Omissis**
**Malcolm Martin**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu, 2000 u l-erba xhur ta' qabel din id-data;**
**1) kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) fl-istess zmien u cirkostanzi pproducew, bieghu jew xort'ohra ttraffikaw fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) Malcolm Martin wahdu talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Marzu, 2000 u granet qabel, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jittraffika medicina kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dawn bi ksur tal-Artikolu 22 (1) (f) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Mejju, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22 (2)(b)(i) tal-Kap. 101, sabet lill-imputat Jeffrey Roy sive Jeffrey Vassallo hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija u mitejn lira Maltija (LM200) multa kif ukoll sabet lill-imputat Malcolm Martin hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u helsitu mit-tielet imputazzjoni w ikkundannatu ghal sitt (6) xhur habs u mitejn lira Maltija (LM200) multa.
Il-Qorti kkundannat lill-imputati jhallsu bejniethom l-ispejjez ta' l-espert mahtur mill-Qorti u dan skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9. F'kaz li l-multi u l-ispejjez ma jithallsux dawn ghandhom jinbidlu fi prigunerija bir-rata ta' jum ghal kull hames liri. Il-multi u (l-ispejjez) jistghu jithallsu b'rati mensili ta' ghoxrin lira bl-ewwel hlas isir fi zmien tmienja w ghoxrin jum mid-data ta' din is-sentenza.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti w wara ghandu jsir process verbal.

Rat ir-rikors tal-appellant Malcolm Martin minnu pprezentat fl-14 ta' Mejju, 2004 li bih talab lil din il-qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati w tirrevokaha ghal kumplament u ghalhekk tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :- 1. La darba li l-Ewwel Qorti accetat li jinfethu mill-gdid il-provi ghall-finijiet tal-gustizzja kellha tigi accettata x-xhieda ulterjuri ta' Dennis Debono u ghalhekk ghamel talba formali biex jixhdu Dennis Debono u Darryl Vassallo u dan biex isahhah il-versjoni tal-fatti moghtija mill-appellant u li ma kien hemm ebda inkompatibilita' bejn dak li xehed l-appellant u dak li kien stqarr lill-Ispettur tal-Pulizija; 2. illi meta tlitt persuni qed jakkwistaw flimkien, dan ma jikkostitwix traffikar imma akkwisat komuni bejn tlitt persuni ; 3. li ghalkemm l-appellant waqt l-interrogatorju mill-Pulizija kien ammetta li kien abbuza mid-droga f' okkazzjonijiet precedenti , meta xehed hu kien cahad dan u dan ghaliex fil-bidu ried johloq storja biex jghatti lil Daryl Vassallo il-persuna ta' min kienet id-droga . L-appellant hu azzettat fil-hajja u qed jistudja w qed jispecjalizza fil-management u ghandu fuq spallejh ukoll ir-responsabbilta' ta' missieru li tilef id-dawl .**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat it-talba tal-appellanti biex f' dan l-istadju jixhdu Dennis Debono u Daryl Vassallo;**

**Semghet it-trattazzjoni dwar din it-talba fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2004;**

**Semghet limitatament ix-xhieda ta' Daryl Vassallo fis-seduta tal-14 t' Ottubru, 2004 li minnha rrizulta li dan ix-xhud ghad ghandu kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess kaz;**

**Rat il-verbal tal-istess seduta fejn Dr. Joseph Brincat ghall-appellanti talab zmien biex jirregola ruhu dwar jekk ghandux jinsisti ghall-produzzjoni tax-xhud Daryl Vassallo u, f' kaz li ma ssirx nota ta' rinunzja fi zmien jumejn (2), il-Qorti kellha taghti provvediment fis-seduta tat-28 t'Ottubru, 2004.**

**Rat in-Nota tal-appellanti tat-18 t' Ottubru, 2004, li biha ddikjaraw li ma hemmx lok ta' provvediment dwar jekk ghandux jixhed Daryl Vassallo ghaliex jidher li dan ix-xhud hu superfluwu;**

**Rat id-Digriet Taghha tat-28 ta' Ottubru, 2004 li bih iddecidiet li ma tilqax it-talba biex Daryl Vassallo jixhed f' dan l-istadjiu tal-procedura w ordnat li titkompla t-trattazzjoni fuq il-mertu tal-appell fis-seduta ta dak in-nhar u dan wara li rriteniet li, apparti dak li kienet tidher li hija rinunzja ghat-talba biex dan ix-xhud jixhed f' dan l-istadju, kien hemm ostakolu legali f' kull kaz biex dax-xhud jixhed ghaliex, kif kien gie deciz fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**" mill-Qorti Kriminali diversament preseduta, b'digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 , persuna li tkun akkuzata , kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur , bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. (ara ukoll** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" **[Digriet] 4.2. 2004)**

**Rat id-Digriet Taghha fejn laqghet it-talba biex jixhed Dennis Debono;**

**Semghet ix-xhieda ta' Dr. Joseph Brincat, tas-Supratendent Ciappara w tal-istess Dennis Debono ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar l-ewwel aggravju , jidher li dan illum gie indirizzat ghax, fil-waqt li l-appellant iddikjara b'nota li ma kienx hemm ghalfejn jixhed Daryl Vassallo f' dan l-istadju w l-Qorti gja iddegretat kif fuq intqal, din il-Qorti ghaddiet biex tisma' mill-gdid lil Dennis Debono li xehed li ried jibdel il-versjoni li hu kien ta lil Pulizija .**

**Ghalhekk din il-Qorti llum , qed tiehu konjizzjoni tax-xhieda tal-istess Debono fid-deliberazzjoni taghha , stante li xhud dejjem ghandu l-opportunita' li jikkorregi depozizzjoni sal-ahhar mument tal-process , specjalment jekk hu jkun qed jirritjeni li ma qalx il-verita' f' xi okkazzjoni precedenti meta jkun xehed w b'hekk allura jista' jkun passibbli ghal xi proceduri ghall-ispergur. Dan s'intendi dejjem soggett ghall-issindakar tal-Qorti dwar liema verament tkun il-versjoni korretta w veritiera.**

**Illi t-tieni w t-tielet aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti biex instabet htija fil-konfront tieghu tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989]; "I**l-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)**

**Dan l-ezami approfondit tal-provi sar minn din il-Qorti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar**

**xi wahda mill-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant (ghax hu gie liberat mit-tielet imputazzjoni ta' assocjazzjoni) ossia l-pussess tar-raza tal-cannabis u joints tal-cannabis u t-traffikar tal-istess u jekk tali konkluzzjoni ghandhiex tigi issa varjata minhabba d-depozizzjoni quddiem din il-Qorti ta' Dennis Debono, fejn dan irtira d-depozizzjoni originali tieghu bhala wahda inveritjiera.**

**Illi mill-analazi dettaljata tal-istqarrija tal-appellant moghtija lill-Pulizija *a tempo vergine* jirrizulta s-segwenti. L-appellant kien qal li dak in-nhar tal-25 ta' Marzu, 2000, hu kien iltaqa ma Dennis Debono is-Saqqajja w rikkbu fil-car u wara raw lill-ahwa Vassallo w rikkbuhom ukoll . Wara li hadu xi kafe' saqu ghal Had Dingli pero' gew imwaqqfa mis-suldati f' road block . Is-suldati kienu ghamlu tfittxija fuqu izda ma sabu xejn . Fittxew ukoll fuq shabu izda ma jafx jekk sabulhomx xi haga . Ghamlu tfittxija fil-karozza w hu nduna li sabu joint fil-car u dan kien fuq in-naha ta' wara . Fil-pocket tal-bieba tal-car tieghu sabu ukoll bicca blokka tal-haxix f' borza bil-kliem HSBC . Ma kien ra lil hadd jarmi xi haga mill-car taghhom . Hu kien pogga "joint" gol-wallet tieghu . Sar jaf dwar il-bicciet tal-haxixa w t-tlitt joints l-ohra wara li s-suldati lestew it-tfittxijiet.**

L-appellant kompla jghid li l-hamis jew il-gimgha tal-gimgha ta' qabel hu w l-ahwa Vassallo kienu ltaqghu Bugibba w xtraw minghand Gharbi blokok tal-haxixa w hu kien hallas LM45 lill-Gharbi . F'idejh l-Gharbi ma tah xejn u l-bicciet haduhom Daryl u Jeffry Vassallo. Dawn il-bicciet kienu hbewhom Daryl u Jeffry Vassallo go hajt tas-sejjiegh u kienu l-istess li nstabu waqt ir-road block mis-suldati ghax huma kienu marru jgibu dawn il-bicciet waqt li sejrin lejn il-Buskett fil-25 ta' Marzu. Din kienet l-ewwel darba li hu kien xtara l-haxixa mat-tlieta l-ohra , pero' kien ilu jpejjep il-haxixa madwar xaharejn jew xaharejn u nofs . Hu gieli xtara blokok tal-haxixa wahdu mix-Xatt tal-Belt hdejn il-vapur tal-Gharab . Gieli ta parti mill-bicciet li kien ikollu hu lill-ohrajn u cioe' lil Daryl u lill-

Jeffry u huma kienu jatuh minn taghhom . Lil Dennis qatt ma tah.

**Illi pero', meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant sostna li dak in-nhar tal-25 ta' Marzu , 2000, kienu hu , Jeffrey Vassallo u Dennis Debono bil-car tieghu w raw lil Daryl Vassallo u waqqfu biex jatuh lift sa Had Dingli w tul it-triq lanqas biss kienu jafu b' xejn x' ghandu w x'mghandux fuqu. Waqqfuhom f' *road block* u sabu xi affarijiet li hu lanqas biss kien jaf bihom . Dawn kienu sabuhom barra mill-karozza u sabu ukoll bicca resin gol-karozza. Wara li waqqfuhom Daryl Vassallo kien qalilhom li ghandu l-affarijiet fuqu u li kien remihom . Daryl waddab bicca mit-tieqa tal-appellant li kienet nofsha miftuha u din habtet mat-tieqa u waqghet gol-karozza. Umbaghad Daryl Vassallo fetah it-tieqa tieghu u rema l-kumplament il barra. Dak il-hin umbaghad ftehmu li jiehu kullhadd parti minnha speci . Hu cahad li kien hallas xi flus ghal dik id-droga u li pejjep maghhom. Umbaghad xehed li dak li kien hemm fl-istqarrija kien kollu gideb.Kien ghamel hekk biex jghin habib imma issa ma riedx imur il-habs.**

**Zied jixhed li hu wahdu r-resin tal-cannabis kien ippruvha qabel , esperimentaha ha jghid hekk. Qatt ma kien user. Li kellu joint fil-wallet tieghu , dik kien ivvintha hu.**

**Meta gie pressat hafna fil-kontroezami dwar dak li hu kien qal fl-istqarrija tieghu dwar l-uzu w tipjip tieghu precedenti u cioe' li hu kien ilu jpejjep il-haxixa madwar xaharejn, xaharejn u nofs u li kien jixtriha minnghand Gharab fix-Xatt tal-Belt, l-appellant (Fol. 123) spicca stqarr li l-verita' (Sic!) tieghu hemm (fl-statement) hija li veru xtara qabel ghalih wahdu personalment u minn dak it-tali post , imma dak biss. Is-somma ta' LM45 kien ivvintha hu tant hu hekk li l-ohrajn fl-statements taghhom ma qablux ma dis-somma.**

**Ikkonsidrat;**

**Issa ghar-rigward ta’ okkazzjonijiet precedenti , anki jekk wiehed joqghod biss fuq id-depozizzjoni tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti – li skondu hija l-verita’ – tirrizulta *“ex admissis*” l-ewwel imputazzjoni li - jekk mhux fil-25 ta’ Marzu, 2000 - fl-erba xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis, meta xehed li kien ilu jpejjep il-haxixa li kien jixtri minnghand l-Gharab fix-Xatt tal-Belt, madwar xaharejn, xaharejn u nofs. Ghalhekk anki mid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata w din l-ammissjoni bil-gurament tal-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni b’ebda mod ma hija effettwata bix-xhieda ta’ Dennis Debono. Ghalhekk fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, t-tieni w t-tielet aggravju tal-appellant huma infondati.**

**Dwar it-tieni imputazzjoni ta’ traffikar fl-istatement jissemma li hu flimkien ma l-ahwa Vassallo xi granet qabel il-25 ta’ Marzu, kien xtara xi bicciet tal-blokka tal-haxixa minnghand Gharbi f’ Bugibba. Ghalkemm kien hallas LM45 hu stess, l-Gharbi l-blokok kien ikkonsenjhom lill-ahwa Vassallo jew xi wiehed minnhom u kienu dawn it-tnejn li hbewhom fil-hajt tas-sejjiegh , ghax lilu l-Gharbi ma kien tah xejn f’idejh.**

**Izid jghid pero’ li ghalkemm lil Dennis Debono qatt ma tah droga gieli ta parti mill-bicciet li kien ikollu hu lill-ohrajn u cioe’ lil Daryll u lill-Jeffry u huma kienu jatuh minn taghhom.**

**Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti t-tentattiv tal-appellant, sija pure korroborat minn Dennis Debono biex jiddisdici kull ma hemm fl-statement bl-ispjegazzjoni li dak kien sar biex jghatti l-htija ta’ Daryl Vassallo li skondu tieghu biss kienet id-droga misjuba waqt ir-roadblock , ma jasalx biex jispjega - lanqas sal-grad tal-probabbli - ghaliex l-appellant fl-istqarrija tieghu kellu jammetti s-“sharing” mall-ahwa Vassallo f’ okkazzjonjiet precedenti. B’dan zgur li ma kienx qed**

**jghin lill Daryll Vassallo u ma jaghmel ebda sens la logiku u lanqas legali li biex ittaffi il-htija ta' siehbek fir-rigward t' incident partikolari takkolla kemm lill-siehbek kif ukoll lilek innifsek ukoll htija precedenti . Ghalhekk din it-trovatura , jekk stess tista' tkun remotament konvincenti biex tispjega x'intqal fir-rigward tal-incident tal-25 ta' Marzu, 2000, zgur li ma tikkonvincix lil din il-Qorti ghall-okkazzjonijiet precedenti ta' *"sharing*" li ammetta l-appellant fl-istqarrija tieghu.**

**Anki hawn ir-ripensament li kellu Dennis Debono meta xehed quddiem din il-Qorti b'ebda mod ma jghin jew jikkorrobora lill-appellant ghaliex dwar xi "sharing" precedenti bejn l-appellant u l-ahwa Vassallo, Debono ma seta' jghid xejn ghax hu kien estraneju ghalih.**

**Illi kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti skond il-gurisprudenza ormai pacifika biex ikun hemm is-"*sharing"* li jammonta ghal traffikar bizzejjed li wiehed ikollu d-droga w jaqsamha ma xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Marvan Cachia" **[26.8.98] ,** "Il-Pulizija vs. Martin Pirotta" **[15.12.98] u** "Il-Pulizija vs. David Gatt" **[11.4.2002] u ohrajn) u dan hu proprju dak li ammetta li ghamel l-appellant mall-ahwa Vassallo f'okkazzjonijiet precedenti.**

Ghalhekk, anki jekk jista' jinholoq xi dubju fir-rigward tal-import tal-istqarrija dwar l-akkuza ta' traffikar b'dak li hemm fl-istatement tal-appellant fir-rigward ta' dak li gara fil-25 ta' Marzu, 2000 u l-granet ta' qabel meta giet akkwistata d-droga minn Bugibba u li dan seta' kien kaz ta' ko-akkwist maghmul minn tlitt minn-nies f'daqqa minnflok kaz ta' "sharing" - dubju li din il-Qorti tista' tasal biex tati favur l-appellant- mhux l-istess ghax-"sharing" precedenti ammess mill-appellant fl-istqarrija tieghu , liema ammissjoni qatt ma tista' tigi spjegata bil-motivazzjoini tal-appellant li meta ghamel dik il-parti tal-istqarrija kien qal il-gideb biex jghin lil siehbu Daryl Vassallo.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li mhux biss tirriferi ghal dak li gara fil-25 ta' Marzu, 2000 izda ukoll ghall-erba xhur precedenti u konsegwentement l-aggravji tal-appellant anki fir-rigward tat-tieni imputazzjoni huma nfondati w qed jigu respinti.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ghall-hlas tal-multa jibda jghaddi mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------